# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 28 ta' Gunju, 2002.**

**Kawza Numru: 17**

**Citaz. Nru. 242/99 GV/6**

Doc 280-02

**Josephine Gruppetta**

**Vs**

**Carmen Bezzina, Svetlana Grech u Anatoli Grech**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi fil-25 ta' Jannar, 1998 mietet Salvina Grech (Dok. A) filwaqt li fit-18 ta' Frar, 1998 miet Antonio Grech (Dok. B)

Premess illi b'testment *unica charta* taghhom tal-24 ta' April, 1987 (Dok. C) in atti Nutar Dottor George Bonello DuPius, il-mejtin konjugi Grech innominaw lill-partijiet b'eredi universali taghhom fi kwoti ta' terz indiviz kull wiehed lill-attrici u lill-konvenuta Carmen Bezzina, filwaqt li fi kwota ta' terz indiviz bejniethom lill-konvenuti Svetlana Grech u Anatoli Grech;

Premess illi l-wirt tal-mejtin Grech ghadu sallum indiviz;

Premess illi l-konvenuti nonostante li gew interpellati mill-attrici sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni tal-wirt tal-mejtin Grech baqghu inadempjenti;

Ghaldaqstant l-attrici talbet lil din il-Qorti:

1. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-mejtin konjugi Grech u tigi konsegwentement maqsuma f'zewg porzjonijiet indaqs, li porzjon minnhom jigi assenjat lill-assi partikolari tal-mejjet Antonio Grech u l-porzjon l-iehor jigi assenjat lill-assi partikolari tal-mejta Salvina Grech;

2. Tillikwida l-assi partikolari tal-mejjet Antonio Grech;

3. Tillikwida l-assi partikolari tal-mejta Salvina Grech;

4. Tordna l-qsim u l-assenjazzjoni tal-assi ereditarji hekk likwidati in kwantu ghall-terz lill-attrici, terz lill-konvenuta Carmen Bezzina, sest lill-konvenuta Svetlana Grech u sest lill-konvenut Anatoli Grech;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-24 ta' Settembru, 1998 kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol. 16 tal-process fejn eccepew:

1. Illi preliminarjament il-konvenuta Carmen Bezzina hija mara legalment mizzewga lil Mario Bezzina u ghaldaqstant dina l-Onorabbli Qorti qeghda tintalab biex ghall kull interess li jista' jkollu jigi kjamat fil-kawza l-imsemmi Mario Bezzina u ragunijiet dwar dan jirrizultaw brevement mid-dikjarazzjoni guramentata tal-imsemmija konvenuta Carmen Bezzina nee' Grech;

2. Illi nonostante li Carmen Bezzina qeghda odjernament tiehu l-gurament, hija ghadha formalment ma gietx notifikata bic-citazzjoni odjerna. Illi l-eccepjenti odjerna qeghda taghti lilha nfisha bhala notifikata fic-citazzjoni odjerna u f'dan ir-rigward hija qeghda tipprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha flimkien ma' kontro-talba;

3. Illi fir-rigward tal-konvenuti l-ohra l-ahwa Svetlana u Anatoli Grech, dawn jigu ulied il-mejjet Victor Grech u Irene Grech nee' Mifsud, u kwindi n-neputijiet tal-mejtin Salvina u Antonio Grech, kif ukoll in-neputijiet taz-zija taghhom il-konvenuta l-ohra Carmen Bezzina;

4. Illi mhux kontestat li Salvina u Antonio konjugi Grech mietu kif indikati;

5. Illi fir-rigward tal-attrici Josephine Gruppetta dina hija mara legalment mizzewga u ghalhekk qed jintalab biex ghal kull buon fini jigi kjamat in kawza zewgha John Gruppetta ghal kwalsiasi nteress li jista' jkollu;

6. Illi ghal kull buon fin ukoll qed jigi specifikat illi l-konvenuti Svetlana u Anatoli Grech ghadhom it-tnejn sal-lum mhux mizzewgin;

7. Illi fir-rigward tar-raba' (4) premessa tal-attrici, ma huwa minnu xejn li l-konvenuti naqsu milli jersqu ghal likwidazzjoni tal-wirt tal-mejtin Grech u li b'xi mod baqghu inadempjenti, biss l-attrici eppretendiet illi kellhom jinqasmu biss l-assi ezistenti minghajr ma taqsam fir-responsabilita' tal-ispejjez kollha li kienu saru da parti tal-konvenuti jew minn min minnhom u ta' persuni ohra involuti u ghalhekk il-konvenuti kienu dejjem disposti, kif ghadhom sal-lum halli jintlahaq ftehim bonarju li jiehu in konsiderazzjoni l-ispejjez kollha li saru da

parti tal-konvenuti jew minn min minnhom biex b'hekk id-divizzjoni u l-likwidazzjoni tal-wirt tkun wahda gusta u ekwa;

8. Illi ghaldaqstant huwa ta' importanza kbira li jigu kjamati fil-kawza l-konsorti rispettivi kemm tal-attrici kif ukoll tal-konvenuta Carmen Bezzina;

9. Illi fir-rigward tat-talbiet attrici, il-mejtin kienu ilhom mizzewgin ghal madwar sittin (60) sena, u kwindi hemm qbil dwar l-ewwel tlett (3) talbiet attrici;

10. Illi fir-rigward tar-raba' (4) talba attrici, dina ghandha ssir biss meta jigu likwidati wkoll l-ispejjez, is-servigi u kwalsiasi forma ohra ta' liabilita' li ghamlu tajjeb ghalihom il-konvenuti jew minn min minnhom jew persuni li jintalbu li jigu kjamati in kawza, l-ghaliex b'hekk biss wara li dawna jkunu tnaqqsu mill-assi ezistenti, tkun tista' ssir il-qasma gusta tal-wirt indikat fic-citazzjoni odjerna;

11. Illi minghajr pregudizzju qed tigi hawn annessa ittra datata tlieta u ghoxrin (23) ta' Awissu, tas-sena elf disa' mija disgha u disghin (1999) li kienet intbaghtet lill-attrici u l-konsulent legali taghha u fejn hemm indikat fiha l-intenzjonijiet genwini li l-konvenuti riedu li jintlahaq ftehim bonarju, imma li l-attrici da parti taghha ma tat l-ebda twegiba jew uriet indikazzjonijiet pozittivi li hija tabilhaq xtaqet li tinstab soluzzjoni gusta. Illi dan id-dokument qieghed jigi immarkat bhala Dokument JP2;

12. Illi qed issir referenza ghal-kontro-talba mehmuza ma din ic-citazzjoni u n-nota ta' l-eccezzjonijiet odjerna;

13. Illi l-konvenuti ghaldaqtant m'ghandhomx ibaghtu ebda forma ta' spejjez;

14. Salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri.

**Kontro-talba tal-konvenuti**

Rat il-kontro-talba tal-konvenuti a fol. 34 tal-process li permezz taghha gie premess illi l-konvenuti jigu mill-mejtin Anthony Grech u martu Salvina Grech, fis-sens illi Carmen Bezzina tigi binthom u Svetlana u Anatoli Grech jigu n-neputijiet rispettivi taghhom;

Premess illi l-konvenuti odjerni ghamlu n-nota ta' l-eccezzjonijiet taghhom, kif ukoll ikkonfermaw permezz ta' Carmen Bezzina id-dikjarazzjoni guramentata taghhom;

Premess illi fid-dawl tat-talbiet attrici, u partikolarment ir-raba' (4) talba, ikun gust u ekwu illi qabel ma dina l-Onorabbli Qorti tordna l-qsim u l-assenjazzjoni tal-assi ereditarji a bazi tat-testment indikat fic-citazzjoni odjerna, illi l-konvenuti jressqu provi ulterjuri biex jindikaw servizzi u servigi li inghataw waqt li Salvina u Antonio Grech kienu ghadhom hajjin, kif ukoll spejjez u drittijiet li gew zborzati fid-dawl tal-mewt taz-zewg persuni ndikati li mietu f'perjodu ta' tlett (3) gimghat minn xulxin kif indikat fic-citazzjoni;

Premess illi jkun opportun ukoll li jigu kjamati in kawza r-ragel ta' Carmen Bezzina ossia' Mario Bezzina, kif ukoll rapprezentant tas-socjeta' kummercjali Joseph Bezzina & Co., Ltd., kif ukoll John Gruppetta, bhala r-ragel ta' Josephine Gruppetta, u dana sabiex din il-Qorti tkun tista' tikkonstata ezatt x'tip ta' servigi saru u xi spejjez gew inkorsi qabel ma tkun tista' issir il-qasma ufficjali bejn il-partijiet kollha f'din ic-citazzjoni odjerna;

Premess dan kollu l-konvenuti rikonvenzjonanti talbu lil din il-Qorti:

a. Fl-ewwel lok ghandu jigi kjamat in kawza Mario Bezzina bhala r-ragel ta’ Carmen Bezzina ghal kwalunkwe interess li jista’ jkollu;

b. Ghandu jigi kjamat in kawza John Gruppetta bhala r-ragel ta’ Josephine Gruppetta ghal kwalsiasi interess li jista’ jkollu;

c. Ghandhom jigu likwidati l-ispejjez kollha u d-drittijiet kollha li thallsu kemm minn Mario Bezzina personalment kif ukoll minn Mario Bezzina in rapprezentanza tas-socjeta’ kummercjali Joseph Bezzina & Co., Ltd., ta’ Aldo Moro Road, Marsa - HMR 15 u dana dejjem fir-rigward tal-imwiet ta’ Salvina u Antonia Grech, inkluz l-ispejjez funerali, kif ukoll spejjez li jirrigwardaw mobbli u mobilja li hallew wara mwiethom bhal per ezempju l-vettura tal-istess mejtin konjugi Grech;

d. Ghandha tigi kjamata in kawza wkoll f’dan ir-rigward is-socjeta’ kummercjali Joseph Bezzina & Co., Ltd., ta’ Aldo Moro Road, Marsa - HMR 15;

e. Ghandhom jigu likwidati l-ispejjez u d-drittijiet dovuti lil Jason Bezzina iben il-konvenuta Carmen Bezzina ghal xoghol ta’ amministrazzjoni li wettaq wara l-mewt tan-nanniet materni tieghu Salvina u Antonio konjugi Grech;

f. Ghandhom jigu likwidati l-ispejjez u drittijiet lil Sharon Bezzina bint il-konvenuta Carmen Bezzina u dana ghal perjodu li dina hadet hsieb u daret bin-nanniet materni taghha Salvina u Antonio konjugi Grech;

g. Ghandhom jigu likwidati kwalsiasi forma ta' spejjez u drittijiet li gew inkorsi fir-rigward tal-mejtin Salvina u Antonio Grech da parti tal-istess konvenuta Carmen Bezzina, zewgha Mario Bezzina, uliedhom Jason u Sharon ahwa Bezzina, u terzi persuni li setghu tqabdu mill-istess konvenuta Carmen Bezzina jew bil-kunsens taghha biex jesegwixxu hidmiet in konnessjoni mal-imwiet ta' Salvina u Antonio konjugi Grech;

h. Wara li jsir dan kollu mitlub fit-talbiet precedenti f'din il-kontro-talba odjerna, u wara li s-somom hekk likwidati ghandhom jigu mnaqqsa mill-assi tal-mejtin konjugi Grech, ir-rimanenti assi jekk ikun il-kaz ghandhom jinqasmu fid-dawl tar-raba' (4) talba attrici u mhux qabel jew ad eskluzzjoni ta' servigi u servizzi maghmula u moghtija mill-konvenuta Carmen Bezzina, zewgha Mario Bezzina, uliedhom Jason u Sharon ahwa Bezzina, u terzi persuni inkarigati mill-istess u ghall-iskopijiet konnessi mal-mertu tat-talbiet tac-citazzjoni odjerna;

i. Ghandhom jinghataw dawk il-provedimenti kollha opportuni fid-dawl tat-talbiet tal-konvenuta Carmen Bezzina f'din ic-citazzjoni odjerna u dana sabiex il-gustizzja mhux biss issir izda tidher li qed issir;

j. Illi l-konvenuti fic-cirkostanzi m'ghandhomx ibatu ebda forma ta' spejjez;

Bl-ispejjez kollha, gudizzjarji u extra gudizzjarji kontra l-attrici Josephine Gruppetta.

**Eccezzjonijiet**

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-attrici ghal kontro-talba tal-konvenuti, a fol. 54 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi l-eccipjenti topponi t-talba tal-konvenuti ghall-kjamata fil-kawza ta' Mario Bezzina stante li r-ragel ta' ko-eredi ma hux legittimu kontradittur f'kawzi ghal qsim tal-wirt. Ghall-istess raguni topponi ghat-talba tal-konvenuti ghall-kjamata fil-kawza ta' John Gruppetta, ir-ragel tal-attrici;

2. Illi t-talba tal-konvenuti ghall-kjamata fil-kawza tas-socjeta' Joseph Bezzina & Co. Ltd. hija rritwali u bla fondament legali in kwantu f'kawza ghall-qsim ta' wirt persuni li jippretendu li huma kredituri tal-wirt ma humiex legittimi kontradditturi;

3. Illi t-talba rikonvenzjonali ghal-likwidazzjoni ta' servigi allegatament rezi minn terzi mhux parti fil-kawza hija rritwali u nfondata fil-fatt u fid-dritt. L-artikoli 906 et seq. tal-Kodici Civili li jirregolaw il-qsim ta' wirt bl-ebda mod ma jawtorizzaw li f'kawza bhal dik odjerna, terzi li ma humiex ko-eredi jew legatarji, u ma humiex parti fil-kawza jressqu pretenzjonijiet ghal servigi;

4. Illi ghalhekk it-talbiet rikonvenzjonali ghal likwidazzjoni ta' spejjez u drittijiet allegatament dovuti lil Jason Bezzina u Sharon Bezzina huma irritwali, u nfondati fil-fatt u fid-dritt;

5. Illi t-talba ta' Carmen Bezzina ghall-hlas ta' servigi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li mhux minnu li gew rezi s-servigi pretizi.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat id-decizjoni preliminari taghha a fol. 62;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-attrici qed titlob f'dina l-kawza l-qsim tal-wirt tal-genituri taghha Antonio u Salvina Grech, u li l-Qorti tordna l-qsim u l-assenjazzjoni tal-assi ereditarji hekk likwidati in kwantu ghall-terz lill-attrici, terz lill-konvenuta Carmen Bezzina, sest lill-konvenuta Svetlana Grech u sest lill-konvenut Anatoli Grech.

Ghalkemm l-interess tal-konvenuta Carmen Bezzina mhux l-istess bhal tal-konvenuti l-ohra Svetlana u Anatoli, dawnipprezentaw l-istess eccezzjonijiet u kontro-talba bhal konvenuta Carmen Bezzina bl-istess avukat (ara wkoll fol. 27).

Il-konvenuti qed jaqblu fuq l-ewwel tliet talbiet (ara 9 eccezzjoni taghhom) imma mhux qed jaqblu fuq ir-raba' talba billi Carmen Bezzina qed tippretendi li ghamlet spejjez (ara prospett a fol. 128) u li dawn ghandhom jithallsu lilha qabel ma ssir il-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni. F'dan is-sens is-sehem ta' Anatoli u Svetlana, skond il-konvenuta Bezzina, ghandu jkun anqas u dawn donnhom qed jaccettaw li jiehdu anqas.

Fil-bidu tal-kawza, dawn l-ispejjez kienet qed tippretendihom is-socjeta' Joseph Bezzina & Co Ltd (fejn ir-ragel tal-konvenuta Carmen Bezzina huwa d-direttur ewlieni fol. 45) imma meta t-talba tal-konvenuti biex tigi kjamata fil-kawza dina s-socjeta' giet michuda (ara sentenza preliminari), il-konvenuta Carmen Bezzina ghamlet verbal

datat 17 ta' April, 2002 fejn iddikjarat li l-ispejjez huma pretenzjonijiet taghha u mhux tad-ditta Joseph Bezzina & Co Ltd u dana nonostante dikjarazzjonijiet kuntrarji ta' Mario Bezzina (fol. 98). Kien ghalhekk li Dr. Mangion ghall attrici rribadixxa li anke mid-dokumenti stess esibiti, il-pretenzjoni kienet tas-socjeta' Joseph Bezzina & Co Ltd kontra Carmen Bezzina liema pretenzjoni qatt ma giet accettata mill-attrici u liema pretenzjoni ghal dawn il-proceduri kienet estraneja u ghalhekk talab l-isfilz taghhom mill atti. Il-Qorti kienet irriservat li tipprovvdi f'dina s-sentenza fuq it-talba ghall isfilz.

**Talbiet attrici**

**Assi ereditarji**

Kwantu ghall-ewwel tliet talbiet attrici jirrizulta li hemm qbil li dawn ghandhom jintlaqghu (eccezzjoni 9). M'hemmx qbil fuq ir-raba' talba ghar-raguni li ghada kemm issemmiet.

L-assi li hallew il-genturi tal-kontendenti huma dawk indikati fid-dokumenti H sa L minn fol. 80 sa 85; b'dana pero' li ghandu jigi rilevat li fid-dokument a fol. 83 hemm tliet accounts cioe' 397035972 f'isem A. Grech u accounts 397022838 u 397045579 f'isem Salvina Grech li huma ripetuti billi diga huma msemmija fid-dokument a fol. 81.

Dwar flus li nstabu fid-dar tal-genituri tal-kontendenti jirrizulta u mhux kontestat li dawn il-flus, xi Lm200, intuzaw biex saru xi quddies.

Kwantu ghall ghamara li kien hemm fid-dar ukoll hemm qbil li dina hi ta' valur negligibbili. Izda jekk dina l-ghamara iggib xi valur dina ghandha wkoll tinqasam bejn il-partijiet fil-kwoti msemmija.

**Prospett a fol. 128.**

Il-konvenuta Carmen Bezzina qed tippretendi li saru spejjez inkorsi mill-mejtin Salvina u Anthony Grech li hija kienet ghamlet tajjeb ghalihom billi kellha tqabbad lis-socjeta' Joseph Bezzina & Co Ltd thallas ghalihom. Hi ressqet dawn l-ispejjez bhala pretenzjoni ta' dina s-socjeta' kontra taghha. Ghalhekk fl-ahhar mill-ahhar hija Carmen Bezzina li trid thallas ghalihom jekk jirrizulta li huma dovuti.

L-attrici mhux qed taqbel li dawn l-ammonti ghandhom jithallsu billi hija qatt m'accettat dina l-pretenzjoni tal-konvenuta Bezzina ghall ispejjez.

Il-konvenuta qed tippretendi li hi ma kelliex mezzi biex thallas u kienet talbet lis-socjeta' Joseph Bezzina & CO Ltd biex tidhol tajjeb ghall ispejjez u mbaghad jigi rrangat kollox ma l-ohrajn. (fol. 99) Is-socjeta' imsemmija kienet hallset dawn l-ispejjez direttament.

Mario Bezzina, r-ragel tal-konvenuta, u d-direttur ewlieni fis-socjeta' imsemmija, xehed (ara fol. 100/101) li hu ma kienx jaf ezattament kemm kellhom flus il-konjugi Grech. Huma kienu jghixu bil-penzjoni. Hu kompla jixhed hekk: "Pero kien hemm certu affarijiet li konna nafu li kien hemm bzonnhom u qbadna u xtrajniehomlhom, minflok qaghdna nikkonsultaw ma' l-ohrajn biex jaqsmu l-ispejjez, qbadna u hrigniehom mill-kumpanija ta' Joseph Bezzina & Co."

L-attrici kkonfermat, u Mario Bezzina jaqbel, li hija qatt ma giet konsultata meta ttiehdu dawn id-decizjonijiet. Ghall attrici dawn il-pretenzjonijiet huma estraneji ghaliha.

Mil-ezami tad-dokument ezibit mill-konvenuta jirrizulta li xi spejjez saru waqt li l-genituri tal-kontendenti kienu ghandhom hajjin mentri ohrajn saru wara l-mewt taghhom.

Il-Qorti hi tal-fehma li dawk li spejjez li saru fl-interess tal-werrieta kollha ghandhom jithallsu mill-wirt, waqt li l-bqija li saru fl-interess tal-konjugi Grech meta kienu ghadhom hajjin u saru minghajr awtorizazzjoni tal-ulied l-ohra, dawn m'humiex dovuti. Lanqas ma huma dovuti dawn li spejjez li saru gratwitament mill-konjugi Bezzina konvenuti fil-konfront tal-genturi ta' Carmen Bezzina meta dina kienet qed tiehu hsiebhom fid-dar taghha.

Ghalhekk b'riferenza ghal dokumenti a fol. 128 il-Qorti tiddeciedi b'dana l-mod.

Il-Pirelli *motorised bed* u siggu specjali m'humiex dovuti billi dawna nxtraw minghajr awtorizzazzjoni tat-tfal l-ohra tal-konjugi Grech , u nxtraw ghax il-konvenuti Bezzina riedu hekk. Salvina u Antonio Grech kellhom flus taghhom apparti l-penzjoni u dawn setghu nxtraw minn dawn il-flus.

Kwantu ghall *items* Funeral ta' Salvina u Anthony Grech, u *cards*, dawn huma dovuti billi saru fl-interess tal-eredi kollha, ghalkemm Carmen Bezzina setghet facilment talbet lill bank biex ihallashom mill-kont bankarju. Hi baqghet ma tatx raguni ghaliex ma mxietx b'dana l-mod. Imma xorta wahda dawn ghandhom jithallsu mill-eredi.

Is-*slabs* li saru m'humiex dovuti mill-eredita' billi dawn ma humiex *sine qua non*, u jsiru jekk l-eredi kollha jridu u jaqblu li ghandhom isiru. Qbil li f'dana l-kaz ma kienx hemm. Ma saret ebda konsultazzjoni.

Kwantu ghall-ispejjez li saru fuq il-karozza Cortina, il-Qorti tiddeciedi li kull ma hu dovut huma l-ispejjez ghat-towing biex jitnehha l-inkonvenjent kif talab il-kunsill lokali.

Il-konvenuti xehdu li dina hija karozza antika u li fiha kienu qed ibejtu l-grieden u pratttikament kienet bla valur (fol. 47). F'dak l-istat il-karozza kellha jew tinbiegh jew tigi skrappjata. Mhux logiku li karozza bhal dina jsirulha aktar spejjez jew tigi garaxxjata imbaghad tintalab is-somma ta' Lm6,205 ghal *garaging* (fol. 128). Inoltre dwar l-iggaraxxjar, ma kienx hemm la konsultazzjoni u lanqas approvazzjoni mill-eredi l-ohra biex isir dana.

L-ispejjes li saru fiha dment li kien ghadu haj Antonio Grech kellhom jithallsu mill-flus li kellu Antonio Grech billi dana kellu flus, kellu penzjoni u anke flus il-bank..

Il-kontijiet tad-dawl u l-ilma u tat-Telemalta li kienu dovuti qabel mietu il-konjugi Grech kellhom jithallsu mill-flus li dawn kellhom - penzjoni u flus il-bank.

Kwantu ghall Dr. E. Bezzina's *bank researches* dawn mhux dovuti, billi saru biss fl-interess ta' Carmen Bezzina, u mhux ta' l-eredita'. Semmai kienu jkunu dovuti ukoll il-*fees* ta' Dr. R. Mangion dovuti mill-attrici. L-istess lanqas ma huma dovuti l-*administrator's fees* ghall Jason Bezzina billi hu ma giex inkarigat mill-eredi biex jaghmel dana x-xoghol. Apparti dana, terza persuna li ma hiex ko-eredi jew legatarju, u li mhiex parti fil-kawza ma tistax tressaq pretenzjonijiet ghal drittijiet t'amministrazzjoni.

Dwar l-*Enemalta Corp. Broken glass*, ma ngabet ebda prova ghaliex dina ghandha tithallas mill eredita' meta ma hemmx prova kif u minn min saret.

Ghalhekk id-dokument a fol. 128 m'ghandux jigi sfilzat.

**KONTROTALBA**

Hafna mit-talbiet fil-kontrotalba tal-konvenuti diga gew decizi meta l-Qorti kienet qed tikkonsidra l-eccezzjonijet taghhom. Jibqa' biss zewg talbiet li ghad iridu jigu decizi. Dawn huma:

f. Ghandhom jigu likwidati l-ispejjez u drittijiet dovuti lil Sharon Bezzina bint il-konvenuta Carmen Bezzina u dana ghal perjodu li dina hadet hsieb u daret bin-nanniet materni taghha Salvina u Antonio konjugi Grech. --- Dwar dina t-talba japplika l-istess principju li japplika ghall Jason Bezzina, cioe' li terza persuna li ma hiex ko-eredi jew legatarja, u li mhiex parti fil-kawza ma tistax tressaq pretenzjonijiet ghal drittijiet pretizi minnha.

g. Ghandhom jigu likwidati kwalsiasi forma ta' spejjez u drittijiet li gew inkorsi fir-rigward tal-mejtin Salvina u Antonio Grech da parti tal-istess konvenuta Carmen Bezzina, zewgha Mario Bezzina, uliedhom Jason u Sharon ahwa Bezzina, u terzi persuni li setghu tqabdu mill-istess konvenuta Carmen Bezzina jew bil-kunsens taghha biex jesegwixxu hidmiet in konnessjoni mal-imwiet ta' Salvina u Antonio konjugi Grech;

Kwantu ghall dak li ghandu x'jaqsam ma' spejjez, il-Qorti diga ddecidiet. Kwantu ghal xi talba ohra, bhal servigi, il-Qorti tiddeciedi li ma ngabux provi konkreti dwar x'kienu dawn, a differenza ta' l-ispejjez gja mitluba li fuqhom il-Qorti diga ddecidiet. Inoltre f'dan il-kaz kien hemm parentela stretta, (genituri) u ma ngabitx prova li dak li sar, bhala servigi, ma kienx gratuwitu .

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-mejtin konjugi Grech u konsegwentement taqsamha f'zewg porzjonijiet indaqs, b'dan li porzjon minnhom tigi assenjata lill-assi partikolari tal-mejjet Antonio Grech u l-porzjon l-iehor jigi assenjat lill-assi partikolari tal-mejta Salvina Grech;

Tillikwida l-assi partikolari tal-mejjet Antonio Grech konsistenti fis-segwenti: **HSBC Fixed Deposit 39 703 5972; HSBC Current 081872198 ; MSE 16373**

Tillikwida l-assi partikolari tal-mejta Salvina Grech konsistenti **f'1548.5% SFC Pref. Shares Account No: 23280; HSBC Fixed Deposit 39 704 5579; HSBC Fixed Deposit 39 702 2838; Lombard Bank Accounts 10310851; 10353380; 10551468; 11155949; 11187751; u MSE 23280.**

Tordna l-qsim u l-assenjazzjoni tal-assi ereditarji hekk likwidati in kwantu ghall-terz lill-attrici, terz lill-konvenuta Carmen Bezzina, sest lill-konvenuta Svetlana Grech u sest lill-konvenut Anatoli Grech b'dana li qabel ghandhom jitnaqqsu dawk l-ispejjez li trid taghmel tajjeb ghalihom Carmen Bezzina u li gew accettati mill-Qorti fid-decizjoni taghha.

Bl-ispejjez kwantu ghall 1/5 ghall attrici u 4/5 ghall-konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**